# L-Analiżi tal-Poeżija għas-Snin tal-Medja

**Bernard Micallef**

---

## L-ewwel sena

## L-Għasfur
Ninu Cremona

Xbieha tal-ħsieb li tgħix fil-għoli tas-sema,
taħrab is-sħab, il-lejl u d-dlamijiet,
int ħudni ’l bogħod ningħażel minn das-swied
ta’ qalb li nħoss, li tqil kuljum jinġema’.

Tħallix dal-ħsieb magħdur, marid, jintrema
f’xita qalila tax-xjuħija li ġiet ...
miegħek kont tirt u rajt l-isbaħ wardiet
ta’ dina l-art u f’għaxqa l-ħsieb inħema.

Kollox bired illum: nixtieqni miegħek
mifrud miż-żmien tal-art, illum waħxija,
naħrab hemm fuq, intir bil-ġwienaħ tiegħek.

Ittajjar, ja ħanin, u jekk moħbija
tilmaħ taħt dielja dar ċkuniti, oh tliegħek
waqqaf għal ftit; b’din l-għanja selli għaliha.

- **<u>Inti bħala animatur</u>**

  Inti l-għalliem, l-**<u>anima</u>**tur, u l-aqwa riżorsa (umana) fil-klassi. Inti se tlaqqa’ r-riżorsi l-oħra kollha, flimkien mal-attenzjoni tal-istudenti, għal ġo avveniment wieħed li, idealment, tieħu pjaċir bih inti wkoll. Dak li hi l-poeżija għalik huwa dak li se tittrażmetti lill-istudenti, imqar bil-ġesti, bil-pawsi, u bil-ħarsa tiegħek. X’siwi għandha din il-poeżija partikulari għalik? Evokat xi memorja, appellat għal xi sentiment, jew sejħet fi ħsiebek valur uman li inti, minn qabel it-tagħlim tagħha, qist bħala validu għalik u għall-edukazzjoni? Bl-esperjenza ta’ din il-poeżija, x’tixtieq tittrażmetti lill-istudenti tiegħek u xi tridhom jiksbu (eż.

memorja tal-versi u tat-teknika tagħha; impatt emottiv/uman li jsaħħaħ din il-memorja wkoll)?

- **Ir-reġistru**
  - Il-kliem diffiċli wara l-ewwel qari:
    - "Xbieha tal-ħsieb": Staqsi lill-istudenti għal kliem ieħor (sinonimi) li jagħti s-sens ta' "xbieha." Staqsi lill-istudenti liema oġġett fil-poeżija qiegħed jissejjaħ "xbieha tal-ħsieb"? X'hemm komuni bejn dawn il-kelmiet: "xbieha," "xebh," "ixxebbah?" Tista' tippreżenta d-dehra ta' oġġett ("għasfur") bħala xbieha ta' xi ħaġa oħra li ma tidherx ("ħsieb")? Għaliex jagħmel hekk il-poeta? Tista' ssib xbihat li nużaw għal affarijiet oħra li ma jidhrux, bħall-ħin?

    - "magħdur": Staqsi lill-istudenti jafux bil-verb "għader," u agħtihom xi eżempji. Il-bniedem "milqut" hu dak li xi ħadd laqtu, u l-bniedem "magħdur" hu dak li xi ħadd għadru, jiġifieri wera ħasra jew mogħdrija lejh. Min iġiegħlek tagħdru, jiġifieri jġiegħlek titħassar il-qagħda miskina tiegħu? "Magħdur" tista' tfisser, għalhekk, bniedem miskin fid-dehra tiegħu, jew batut f'saħħtu tant li jitlob ħasra, iġiblek ħniena, iqanqal fik mogħdrija.

    - "għaxqa": Staqsi lill-istudenti liema verb joħloq dan l-istat ("għaxxaq"). Xi tkun qed tħoss meta titgħaxxaq jew meta tiltaqa' ma' dehra li tgħaxxqek?  Ftit sinonimi ta' "għaxqa": pjaċir, gost, sodisfazzjon, hena. Hu importanti li meta tfiehem kelma tfiehem il-kuntest u l-burdata li normalment imorru magħha.

    - "inħema": Spjega lill-istudenti xi jfisser il-verb "ħema" (saħħan qrib in-nar jew ġo forn, sakemm l-ikel bidel lewnu u sar biżżejjed biex jittiekel). X'inhu jinħema fis-sunett ta' Cremona, u liema "għaxqa" tista' taħmi lill-ħsieb li qiegħed itir bħal għasfur?

- “miż-żmien tal-art”: Staqsi lill-istudenti kif naraw iż-żmien għaddej (il-minutieri tal-arloġġ iduru, id-dell miexi, id-dawl jonqos, il-moviment tax-xemx, eċċ.). Staqsi lill-istudenti kieku kellhom jorbtu ż-żmien ta’ dejjem (l-eternità) mad-dehra tas-sema jew tal-art, liema kienu jagħżlu, u għaliex. Nafu, bejn wieħed u ieħor, kemm huwa twil iż-żmien tal-ħajja tal-bniedem fuq l-art? Għaliex qiegħed jissemma “ż-żmien tal-art”?

- “waħxija”: Xi rridu ngħidu meta nistqarru li xi ħadd waħħaxna, jew li twaħħaxna b’xi ħaġa? Hemm studenti li forsi jistgħu jsemmu ħwejjeġ (fatati, mostri, bhejjem slavaġ, eċċ.) li jistgħu jissejħu “waħx” jew “waħxija”? Fl-ewwel terzina ta’ Cremona għal xiex qiegħda tirreferi l-kelma “waħxija”?

- “tliegħek”: Staqsi lill-istudenti x’għandhom komuni kliem bħal “darek,” “sieqek,” “idek,” eċċ. Ara jirnexxilhomx jispjegaw kelma bħal “inżulek.” Imbagħad għaddi għal “tliegħek” fil-kuntest ta’ għasfur itir li qiegħed jintalab jieqaf ftit mit-tlugħ tiegħu “fil-għoli tas-sema.”

❖ **<u>Il-kliem figurattiv</u>**

➢ Il-kliem li jfisser xi ħaġa oħra ħlief it-tifsira normali tiegħu:

- X’għandhom komuni “s-sħab, il-lejl u d-dlamijiet” u “das-swied / ta’ qalb”? Iddiskuti mal-istudenti liema temp (atmosfera esterjuri) iqabblu ma’ liema burdata (qagħda interjuri). Ara jekk dawn il-korrispondenzi jagħrfuhomx minn xi esperjenza oħra, bħall-films (ngħidu aħna, ix-xita u d-dlam f’mumenti ta’ telfa, il-maltemp bis-sajjetti f’mumenti drammatiċi):

 

- Is-“swied / ta’ qalb” huwa “tqil kuljum jinġema’.” Kif jista’ jkun li d-dwejjaq ikun “tqil” u “jinġema’” ma’ kull jum ġdid, bħallikieku kien kwantità tiżdied ta’ xi ħaġa diġà tqila? Hemm xi esperjenza li l-istudenti jistgħu jsejħulha sewda u tqila? Għaliex għażlu dawn l-aġġettivi għaliha?

- Meta l-poeta jsemmi “dal-ħsieb magħdur, marid,” qiegħed jirreferi għall-ħsieb tiegħu stess bħallikieku kien bniedem li tilef saħħtu minħabba l-mard u jġiblek ħniena. Staqsi lill-istudenti x’jista’ jmarrad lill-ġisem u x’jista’ jmarrad lill-ħsieb (eż. ix-xjuħija).

- Il-ħsieb “jintrema / f’xita qalila tax-xjuħija”: l-għasfur jaħrab is-sħab hu u jtir fil-għoli, iżda l-ħsieb jintrema ’l isfel max-xjuħija li qed titqabbel max-xita qalila. Kif tkun l-atmosfera f’din ix-xita? Hemm xi parti mill-poeżija li turi din l-atmosfera (“is-sħab, il-lejl u d-dlamijiet”)? Il-verb “jintrema” x’juri dwar ix-xita u l-ħsieb?

- Fit-tfulija tal-poeta “l-ħsieb inħema” ġol-“għaxqa” bil-ġmiel tal-ħajja, iżda “kollox bired illum.” Staqsi lill-istudenti liema età qed tiġi spjegata bis-sħana u liema età qed tiġi spjegata bil-bard. Għaliex kollox jibred max-xjuħija? X’inhu “kollox”? Itlob lill-istudenti jsemmu ħwejjeġ ta’ kuljum li jibirdu (eż. te, ikel, forn) u ara jekk bi ftit għajnuna jsemmux xi kwalità umana li tista’ tgħaddi mill-istess proċess metaforikament (eż. l-imħabba tibred, l-interess f’xi passatemp jista’ jibred).

- “b’din l-għanja selli għaliha”: il-poeta qiegħed jitlob lill-għasfur isellilu għal dar ċkunitu “b’din l-għanja.” Għal liema għanja qiegħed jirreferi? Ladarba qed jitolbu jsellilu għad-dar tat-tfulija tiegħu (jekk jilmaħha), dan xi jfisser dwar id-distanza bejn il-poeta u d-dar ta’ tfulitu (aħna nibagħtu nsellu għal min huwa mbiegħed minna u ilna ma naraw)? Liema sentiment qiegħed jintrabat mal-post tat-tfulija li ma għadux jidher għall-poeta? Kif qed titqies id-dar li se tirċievi t-tislija?

- ❖ **Il-kuntrasti**
  - ➢ Bħalma l-poeżija tista' xxebbah żewġ oġġetti flimkien (bis-similitudni) jew anki tidentifika żewġ oġġetti bħallikieku kienu l-istess (bil-metafora), tista' wkoll tpoġġi oġġetti jew kundizzjonijiet f'kuntrast, u turi relazzjoni bejniethom mibnija mill-opposti:
    - Itlob lill-istudenti jsibu fil-poeżija kliem, xbihat, jew movimenti opposti, bħal: tlugħ u nżul; smewwiet imdawla u swied il-qalb; enerġija u mard; "inħema" u "bired."
    - Iddiskuti mal-istudenti jekk dawn l-opposti jistgħux jinġabru f'żewġ etajiet li jaqblu magħhom: liema età norbtuha mat-tlugħ, mad-dawl, mal-enerġija, u mas-sħana? U liema età norbtuha mal-inżul, mas-swied il-qalb, mal-mard, u mal-bruda (atteġġjament biered) lejn kollox? Għaliex?
    - Hemm espressjonijiet fis-sunett li jfissru waħda jew l-oħra miż-żewġ etajiet ("xjuħija," "dar ċkuniti")?

- ❖ **L-istruttura**
  - ➢ Kif il-forma tagħti qafas u ordni lill-ħsieb:
    - Il-kwartini u t-terzini tas-sunett Petrarkan: il-kwartini jiffurmaw ottava li tintroduċi l-argument, ix-xena, ix-xewqa, it-tħassib, eċċ. It-terzini jiffurmaw sestett, taqsima li tibda bil-volta u li turi bidla ċara fit-ton, fil-qagħda, fil-ħsieb, jew fil-burdata. Għalhekk, l-istruttura tas-sunett Petrarkan, biż-żewġ partijiet ewlenin tagħha (l-ottava u s-sestett) l-ewwel tistabbilixxi l-argument jew il-qagħda ġenerali ta' diffikultà jew tħassib (l-ottava), biex imbagħad toffri rispons (is-sestett).

    - Staqsi lill-istudenti jekk jistgħux jagħtu l-istess ittri lill-kliem li jirrima, biex imbagħad jagħrfu skemi differenti għall-partijiet differenti tas-sunett: forma msaħħa mill-arranġament tal-ħoss. L-iskema tar-rima magħluqa (ABBA, ABBA) fl-ottava u l-iskema ĊDĊ, DĊD (kważi inkatinata: ĊDĊ, DED, eċċ.) fis-sestett.

- Iġbed l-attenzjoni tal-istudenti lejn il-mod kif sentenza waħda tifforma strofa waħda. Uħud mill-versi ma għandhomx punteġġjatura fi tmiemhom, u allura l-vers ta' wara jkompli jinqara bla qtugħ (enjambment) sakemm jinkiseb is-sens tas-sentenza sħiħa. Iżda mill-banda l-oħra, hemm versi oħrajn li għandhom waqfa (ċesura) f'nofshom, u dan joħloq pawsa jew intervall fil-mixja tas-sentenza. X'inhu l-effett ta' wħud minn dawn il-pawsi: intervall għal aktar ħsieb, bidla fl-argument, ħasda? Itlob lill-istudenti jirreċtaw il-qari (ton, ritmu, waqfiet) ta' wħud mill-versi bil-waqfa (il-punteġġjatura) u bi tkomplija bla qtugħ (enjambment) minn vers għal ieħor.

- Il-volta: fejn tiġi, u liema bidla (fit-ton, fil-qagħda, fil-ħsieb, jew fil-burdata) qiegħda tesprimi? Iddiskuti d-differenzi bejn il-parti li tiġi qabel il-volta u l-parti li tiġi warajha (it-tensjoni tipika tas-sunett). Iddiskuti mal-istudenti xi tfisser għalihom (forsi b'esperjenza tagħhom) bidla għal għarrieda fil-ħsieb jew fil-burdata.

~~~
~~~